# Ġużè Muscat Azzopardi

## Il-ħajja u x-xogħlijiet tiegħu

Sarah Marie Cocks u Francesca Sammut

# Ftit dwar l-awtur...



Ġużè Muscat Azzopardi twieled f'Ħal Qormi fl-1 ta' Settembru 1853 u miet f'daru ġewwa l-Belt Valletta fl-1927.

Huwa studja fis-Seminarju u l-Università ta' Malta fejn kiseb id-Diploma ta' Prokuratur Legali. Muscat Azzopardi kien studja sew il-Latin u t-Taljan.

Ġużè Muscat Azzopardi kien poeta, prożatatur l-akbar bħala rumanzier bi sfond storiku, ġurnalista u wkoll konferenzier.

# Ftit dwar l-awtur...

Muscat Azzopardi kien bniedem politiku, kritiku tat-teatru u rappreżentant tal-poplu fil-Kunsill tal-Gvern.

Hu kien editur tal-ġurnal *Naħla Maltija*, *Id-Dawl* u *Is-Salib*, u direttur tal-ġurnal *Il-Ħabib*.

Kien ukoll ko-fundatur tal-Għaqda tal-Kittieba Maltin u wkoll Segretarju tal-Camera Pontifica.




Il-monument ta' Ġużè Muscat Azzopardi mill-Akkademja tal-Malti.

# Xogħlijiet tal-awtur

Ġużè Muscat Azzopardi hu meqjus bħala 'Missier il-Letteratura Maltija' għax-xogħlijiet letterarji tiegħu.

Ir-rumanzi ta' 'Missier il-Letteratura Maltija' kienu ta' xejra popolari bl-għan li jinteressaw lill-Maltin u jkattru fihom l-imħabba lejn art twelidhom.

Minbarra l-kitbiet tiegħu, Muscat Azzopardi jibqa' msemmi wkoll bħala katalist importanti fil-Malti. Kien hu li ħajjar lil Dun Karm u tant oħrajn biex jibdew jiktbu bil-Malti.

Għax-xogħlijiet u attivitajiet reliġjużi tiegħu, hu kien dekorat bit-titlu ta' Kavalier *Pro Ecclesia et Pontifice* mill-Papa Piju X u kien mogħti wkoll il-medalja *Bene Merenti*.

# Pubblikazzjonijiet

## Poeżiji

1876 *Versi* – Ġabra ta' poeżiji bit-Taljan u bil-Malti

1886 *Il-Għasar tal-Madonna: Poeżija bil-Malti* (tradotta mil-Latin).

1890 *Ħamsin Poeżija bil-Malti.*

1928 *Ġabra Żgħira ta' Proża u Poeżija.*

1956 *Ġabra Sħiħa ta' Sunetti, bi studju fuqhom tal-kittieb innifsu.*




Sunett dwar San Franġisk

# Pubblikazzjonijiet

## Letteratura Reliġjuża

| | |
|---|---|
| 1874 | *Il-Ħajja ta' San Ġorġ Martri.* |
| 1883 | *Madwar Ġesù.* |
| 1890 | *Ktieb żgħir għall-idejn terzjarji ta' San Franġisk li ma jafux ħliefbil-Malti.* |
| 1895 | *L-Imqaddes Evanġelju ta' Ġesù Kristu kif kitbu San Mattew bit-tifsir kollu tal-Isqof Martini u ta' xi għorrief oħra.* |
| 1902 | *Il-Quddiesa bil-Malti, meħuda minn fuq il-Missal kelma b'kelma.* |

# Letteratura Reliġjuża

| | |
|---|---|
| 1905 | *La Messa volgarizatta lettaralmente dal Messale Romano.* |
| 1907 | *Il-Ħajja ta' San Filippu Neri.* |
| 1908 | *Il-Maħbub ta' Ġesù - ktieb oriġinali.* |
| 1915, 1916, 1917 | *L-Evanġelju Mqaddes ta' Sidna Ġesù Kristu miktub minn San Mark, San Luqa, San Ġwann bit-tifsir kollu tal-isqof Martini mlaqqa' ma' tal-Patri Curci u ta' għorrief oħra.* |
| 1924 | *Il-Ktieb tal-Appostli (miktub minn San Luqa) bit-tifsir tal-isqof Martini mlaqqa' ma' tal-Patri Karlu Curci, tal-Patri Marku Sales u ta' għorrief oħra.* |

# Pubblikazzjonijiet

## Rumanzi qosra

1878 *Toni Bajada*

1879 *L-Għarusa tal-Mosta*

1881 *David u Stejfen*

1882 *Vicu Mason*

1883 *Susanna – Ġrajja ta' Malta fi Żmien it-Torok*






# Pubblikazzjonijiet




1886 *Ċejlu Tonna: fatt Malti fi Żmien it-Torok*

1887 *Mattew Callus*

1893 *Ċensu Barbara: Ġrajja ta' Malta fi Żmien il-Franċiżi*

1894 *Ġanna d'Ark* (tradott mit-Taljan).

1895 *Manon: ġrajja ta' mitt sena ilu*

1907 *Il-Ħalliel it-Tajjeb, rumanz storiku sagru*

1909 *Nazju Ellul*



# Pubblikazzjonijiet

## Reċti

1876 *Katerina Desguanez*

1901 Xorti Ħażina (tradotta mit-Taljan).

1926 *Frazir*



## Biblijografija

- Dizzjunarju Kittieba Maltin
- Il-Malti – Elf Sena ta' Storja
- Il-Ktieb Malti
- Dictionary of Maltese Biographies (Vol. II)